**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Leroy Balzan Engerer)**

**vs**

**Avtandil Rusia**

**Kumpilazzjoni 670/2019**

**Illum 24 ta' Jannar 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Avtandil Rusia** detentur tal- passaport Ġorġjan numru 11BA80113, billi huwa akkuzat talli:

**1.** Nhar it-22 ta Ottubru 2019, bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħodu u s-sitta ta' filgħaxija, ġewwa appartament numru 2, Fond 31 msemmi Twilight, Triq Addeodato Gatt, Ħaż-Żebbuġ, u/jew ġewwa il-viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu

(€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Mario u Janice Tanti u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**2.** Nhar il-25 ta Ottubru 2019, bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħodu u is-siegħa u nofs ta' wara nofs inhar, ġewwa "Tad- Djamant" appartament numru 2, Triq in- Nigret ġewwa ir- Rabat, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Diana Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**3.** Nhar is- 26 ta Ottubru 2019, bejn is- sebgħa u nofs ta' filgħodu u it-tmienja ta' filghaxija, ġewwa fond numru 4, appartament numru 1, Triq Graham ġewwa Tas- Sliema, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Patchari Yeamchud u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**4.** Nhar id-29 ta Ottubru 2019, bejn it-tmienja ta' filgħodu u s-sitta nieqes kwart ta' wara nofs inhar, ġewwa fond numru 30 "Amaryllis Court" appartament numru 2, Triq ir-Rizell ġewwa H'Attard, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Clarissa Jones u Adrian Zammit u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**5.** Nhar l- 24 ta Ottubru 2019, bejn id- disgħa ta' filgħodu w is- sebgħa ta' filgħaxija, ġewwa fond numru 1, imsemmi "Springfield", Triq il-Qasam, Swieqi, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-

valur, li je``jedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Matthew Camilleri u Giovanella Abela u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**6.** Fit-18 ta' Ottubru, 2019, bejn it- 8.00 ta' filgħodu u is- seigħa ta' wara nofs inhar ġewwa appartament numru 4, 'Monterosa Court', Triq il-Kapuccini, San Gwann u/jew ġewwa il viċinanzi: ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Randolph u Lorinda Mamo u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**7.** Nhar it- 22 ta Ottubru 2019, bejn id-disgħa ta' filgħodu l-għaxra u nofs ta' filgħodu, ġewwa fond numru 132, appartament numru 2, Triq l- Imdina, Ħaż- Żebbuġ, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Ritianne Bonnici u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**8.** Nhar is-17 ta Ottubru 2019, bejn is- sebgħa ta' filgħodu w il- ħamsa ta' filgħaxija, ġewwa appartament numru 1, Notre Amore, Triq tal-Bajjada, Ħal-Qormi, u/jew ġewwa il viċinanzi, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċjedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Jason Farrugia u Caroline Farrugia u/jew ta' xi persuna/i oħra;

**9.** Ukoll talli bejn is- sbatax ta' Ottubru u l-ewwel ta' Novembru 2019, f' dawn il- gzejjer laqgħa għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq

jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħħom jew jmexxijhom

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Noel Bianco li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti u dan anke

wara l-ammissjoni bikrija, l-koperazzjoni mal-pulizija u anke ghal fatt li parti mill-oggetti misruqa qeghdin ghand il-pulizija, li l-Qorti awtorizzat li jinghataw lura lis-sidien taghhom.

Semghet lill-Ispettur Shawn Pawney ghall-Prosekuzzjoni jirrileva illi d-disa' (9) imputazzjoni u cioe' dik ta' ricettazzjoni hija imputazzjoni alternattiva ghat-tmien (8) imputazzjoni u ghaldaqstant din ghandha tigi assorbita in kwantu ghall-piena.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rigward il-piena il-Qorti ttenni dak li sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Roderick Darmanin**[1] fit-8 ta' Jannar 2020 li:

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-

[1] Appell Nru. 314/2014 deciz mill-Imhallef Edwina Grima

rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 263(a); 264(1); 267; 269(g); 279(a)(b) u 334 tal Kap. 9 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih hlief fejn qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disgha (9) ghax hija alternattiva ghat-tmien (8) imputazzjoni u tikkundannah erbgha u erbghin (44) xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fil-perjodu li tipprovdi l-ligi.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur